**13 ta' Mejju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

Paolina Gili

**Prostituzzjoni — Inkwilinat — Art. 10 tal-Kap. 102.**

*Il-każ ta' mara li tipprostitwixxi ruħha ma' diversi rġiel f'post li tiegħu hija għandha biss l-inkwilinat ma jaqgħax taħt id-dispożizzjoni tal-liġi li tolqot lil kull min ikun is-sid, jew ikollu taħt idejh l-amministrazzjoni, ta' dar jew fond ieħor, u jippermetti li dik id-dar jew post ieħor jiġu wżati għall-prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja kontra l-imputata, talli f'Raħal Ġdid, bejn inżul ix-xemx tat-23 ta' Novembru 1960 u tlugħ ix-xemx tal-24 ta' Novembru 1960, għamlet serq ta' £10.10.0 għad-dannu ta' L/FX957050 Jeffrey Diseman, R.N., fil-waqt li hu kien il-mistieden tagħha fil-post "St. Patrick House", Melita Street, serq aggravat bl-ammont, bil-persuna u bil-ħin; barra minn dan, xjentement ippermettiet l-użu tal-post fuq imsemmi, li hu amministrat minnha, għal skopijiet ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali;

Rat ir-rinviju tal-Attorney General tal-25 ta' Jannar 1961, li bih l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputata ġew mibgħuta lill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex tiddeċidi fuq il-ħtiija li tista' tirriżulta kontra l-imputata taħt dak li hemm maħsub fl-art. 274(d) (f), 281(b), 283, 294(b), u 22(1) tal-Kodiċi Kriminali, u fl-art. 10 tal-Kapitlu 102 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fuq imsemmija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Marzu 1961, li biha sabet lill-imputata ħatja ta' serq ta' flus ta' aktar

minn £3 iżda anqas minn £10, kwalifikat bil-persuna u bil-ħin u kkundannatha għall-lavori forzati għal żmien tmien xhur; u ddikjarat li fil-fatti kif pruvati ma jirrikorrux l-elementi tar-reat kontemplat fl-art. 10 tal-Kap. 102, u għalhekk illiberat lill-imsemmija Gili minn din l-imputazzjoni;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih talab ir-riforma tas-sentenza fuq imsemmija, billi l-imputata tiġi dikjarata ħatja anki tar-reat kontemplat fl-art. 10 tal-Kap. 102 Ediz. Riv.;

Rat ir-rikors tal-imputata, li bih talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata fis-sens li l-imputata tiġi dikjarata mhux ħatja lanqas tar-reat ta' serq aggravat bil-persuna u bil-ħin, u hekk assolta għal kollox;

Trattati ż-żewġ appelli;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-appell tal-Attorney General;

Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti similment presjeduta "Pulizija vs. Mizzi" 26 ta' Novembru 1960, ġie ritenut illi r-reat kontemplat fl-art. 10 tal-Kap. 102 Ediz Riv. jista' jiġi kommess anki minn mara li tkun sid post li fih hi stess tipprostitwixxi ruħha ma' rġiel;

F'dan il-każ, l-imputata ma hix sid il-post, imma inkwilina;

Ġiet, għalhekk, sollevata l-kwistjoni jekk il-fatt li hija inkwilina biss jeskludix l-applikabbilità ta' dak l-artikolu;

Bħala indaġini ta' fatt, din il-Qorti qegħdha tirritjeni, kif fil-fatt tirritjeni pruvat għas-sodisfazzjon tagħha, li fil-post "de quo" l-imputata kienet tikkonċedi l-amplessi tagħha mhux biss lil bniedem wieħed li kienet konkubinata miegħu — fol. 25 (f'liema każ kien jista' jkun hemm tal-volta lok għall-konsiderazzjoni żvolta fis-sentenza App. Ċiv. Inf. "Schembri vs. Marks", 21 ta' Ġunju 1950 — Vol.

XXXIV-I-117. fis-sens li l-konkubinat ma jikkostitwix il-prostituzzjoni kontemplata mill-Kap. 102), imma kienet tippresta ruħha lil diversi rġiel (fol. 19);

Issa, din il-Qorti diversament presjeduta irriteniet applikabbli l-art. 10 fuq imsemmi għall-każ ta' watchman tal-Gvern li kellu taħt il-kustodja tiegħu, f'"dump" tal-Public Works Department, gabbana taż-żingu fejn il-ħaddiema jżommu ħwejjiġhom, u fejn hu stess jirrikovera ruħu, u rriteniet li l-kelma "amministrazzjoni" f'dak l-artikolu testendi ruħha għas-sinifikat ta' "kontroll", eżerċitat sija pure minn persuna li ma tkunx is-sid tal-post (App. Krim. "Pulizija vs. Borg", 21.1.1961);

Dak il-każ, però, hu distingwibbli mill-każ preżenti; għaliex il-watchman ma kienx kerrej tal-gabbana u kellu l-kustodja ossija l-kontroll tagħha; liema kontroll hu ravviċinabbli għall-konċett ta' amministrazzjoni;

Mhux hekk, però, il-konċett ta' inkwilin. F'ebda parti tas-sistema legali malti l-godiment limitat tal-inkwilin ma ġie meqjus bħala amministrazzjoni; u malament wieħed jipparifika l-konċett ġuridiku ta' dak il-godiment mal-konċett ġuridiku ta' amministrazzjoni. Din il-Qorti taqbel, għalhekk, mal-Ewwel Qorti, anki għar-raġunamenti żvolti minnha, li l-imputata, bħala sempliċi inkwilina tal-post "de quo", ma hix kolpita mid-dispożizzjoni tal-art. 10, li ssemmi "is-sid jew kull min għandu taħt idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond ieħor......";

L-appell tal-Attorney General ma hux, għaldaqstant, sostenibbli;

Ikkunsidrat, fuq l-appell tal-imputata;

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti, għall-motivi minnha enunċjati, li s-serq ġie pruvat bl-aggravanti dedotti. Il-versjoni tal-imputata hi assurda;

Kwantu għad-doljanza subordinata tal-imputata, fis-sens li l-piena hi eċċessiva, din il-Qorti hi ta' fehma li ma

hemm xejn oppressiv fil-kundanna; il-każ għandu fattezzi gravi biżżejjed;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad iż-żewġ appelli u tikkonferma s-sentenza appellata.